

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-21 ta' Mejju 2010 — ICO Services vs Il Parlament u Il Kunsill

(Kawża T-441/08) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Deċiżjoni Nru 626/2008/KE — Qafas komuni għall-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' operaturi ta' sistemi mobbli permezz tas-satellita — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà”)

(2010/C 195/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ICO Services Ltd (Slough, Berkshire, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Tupper, solicitor)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: J. Rodrigues u R. Kaškina, aġenti); u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Kimberley u F. Florindo Gijón, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuti: Il Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti : M. Wilderspin u A. Nijenhuis, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni 626/2008/KE tal-Parlament u tal-Kunsill, tat-30 ta' Ġunju 2008, dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovd servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) (ĠU L 172, p. 15).

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

(2) ICO Services Ltd għandha tħalli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tas-17 ta' Mejju 2010 — Volkswagen vs UASI — Deutsche BP (SunGasoline)

(Kawża T-502/08) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2010/C 195/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H.-P. Schrammek, C. S. Drzymalla u S. Risthaus, avukati)

Konvenuti: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Deutsche BP AG (Gelsenkirchen, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikos ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-19 ta' Settembru 2008 (Każ R 513/2007-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Deutsche BP AG u Volkswagen AG.

Dispożittiv

(1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

(2) Ir-rikorrenti u l-konvenut huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(⁽¹⁾ ĠU C 44, 21.02.2009.)

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-18 ta' Mejju 2010 — Abertis Infraestructuras vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-200/09) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Konċentrazzjonijiet — Deċiżjoni li tingħalaq il-proċedura miftuħha abbażi tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Bidu tad-dekorrenza — Inammissibbiltà”)

(2010/C 195/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Abertis Infraestructuras, SA (Barċellona, Spanja) (rappreżentanti: M. Roca Junyent u P. Callop García, avukati)

(⁽¹⁾ ĠU C 6, 10.1.2009.)